# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

It-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-2.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻAT:

Horace Vella – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 28.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Kunsillier Horace Vella talab li jiġi skużat għal din il-laqgħa. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti u dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar punt numru 27.5 tal-minuti preċedenti dwar l-Assistant Principal tal-Kunsill Lokali. Huwa qal li jkolli jgħid li din il-ġimgħa għaddielu biċċa xogħol u s-Sindku kien mingħalih li dan ix-xogħol sar. Madanakollu, ma kien sar xejn. Apparti hekk, huwa stqarr li mportanti li l-Kunsill ikun jaf li dalgħodu stess, ċemplulu minn Santa Luċija għaliex it-tabelli li kellhom isiru biex tingħalaq it-triq ta' Qasam San Ġorġ għat-trakkijiet minħabba l-festa, baqgħu ma twaħħlux u kellhom jitwaħħlu lbieraħ.

28.3.2 Is-Sindku semma l-inizjattivita ta' Milied Solidali mir-Reġjun t'Għawdex u l-Kunsill se jkun qed jieħu sehem.

28.3.3 Dwar it-tabelli tal-iskola fi Triq Ġużeppi Briffa, is-Sindku qal li kellmu s-Surġent għax kienu għadhom ma nbidlux minn TM iżda meta tkellmu mas-Surmast tal-iskola, dan stqarr illi l-iskola ser tiftaħ mal-bidu tas-sena 2026 u għalhekk mhux ser ikun hemm bżonn ta' tibdil fit-tabelli.

28.3.4 Dwar il-kompetizzjoni tal-kartolina, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser nerġgħu niftħuha għaż-żewġ skejjel tar-raħal.

28.3.5 Dwar il-playing field, tkellimna ma' Perit Andrew Grech wara li l-Kunsill iddeċieda li jibdel il-Perit ta' qabel. Nhar il-Ħamis li ġej għandna onsite meeting ħalli nispjegawlu x'irid isir u jkun jista' jaħdem fuqu.

28.3.6 Is-SE spjegat illi ġibna l-ispecifications tat-telescopes u għaddejnihom lir-Reġjun t'Għawdex sabiex ikun jista' joħroġ l-offerta minn naħa tiegħu.

## 28.4 Attivitajiet tal-Milied

Is-Sindku qal li peress li qed iġib il-maltemp għall-attivita' 'Notte Natalizia', ser niddeċiedu dakinhar skond kif tkun il-ġurnata u jekk ikun il-maltemp nidħlu fil-Każin tal-Banda. Is-Sindku qal ukoll illi l-kumpanija taż-żfin li kienet ġejja ħassret u mhux ser tiġi.
Għal nhar l-24 ta' Diċembru, ħa jkollna l-Father Christmas bit-train. Sar qbil ukoll illi jsir il-party tal-Milied għall-ħaddiema ġewwa l-Kunsill Lokali.

## 28.5 Playing field – Kumpless Raymond Mercieca

Is-Sindku ppreżenta l-istima l-ġdida għall-playing field flimkien ma' ritratti tal-equipment u pjanta. Il-Kunsill qabel li mmexxu fuq li hemm u nużaw lilhom biex noħorġu l-offerta.

## 28.6 Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u Ippjanar

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Ministru fejn lis-Sindku nfurmah illi Ta' Kerċem qed ituh prijorita'. Qed tinbena t-triq hekk imsejjħa ta' Spiteri u l-madwar li ser tkun ta' għajnuna kbira. Il-Ministru wiegħed illi jrid jagħmel Triq Kerċem, Triq Xuxa, Triq San Girgor, parti minn Triq l-Avukat A. Calleja u Triq Santa Luċija. Waqt il-laqgħa ntalab li jsiru ukoll Triq Għajn Abdun, Triq Sarġ u Triq l-Għadira peress li dawn huma kollha fi stat diżastruż.

## 28.7 Żjara mill-pajjiżi li huma parti mir-RENEW project

Wara li l-Kunsill Lokali tagħna attenda ġewwa r-Republika Ċeka għal dan il-proġett, issa jmiss lilna sabiex nospitaw lil dan il-grupp. Id-dati ser ikunu bejn l-24 u s-27 ta' Marzu 2026. Għalhekk ser jibdew il-preparamenti u nibdew nibbukkjaw l-akkomodazzjoni u l-postijiet li ser immorru. Fil-ġranet li ġejjin għandna ukoll laqgħa ma' Lucia Ronca li hija l-koordinatriċi ta' dan il-proġett.

## 28.8 Żjara mill-Muniċipalita' ta' Peja, Kosovo

Is-Sindku rringrazzja lill-Ambaxxatur ta' Malta għall Kosovo, Dr Scerri Ferrante, għall-iskambju li sar fil-ġranet li għamlu hawn ir-rappreżentanti ta' Peja. B'din iż-żjara nibtet ħbiberija ġdida li twassal għal ideat ġodda.

## 28.9 Ilmenti u Suġġerimenti

28.9.1 Is-Sindku qal illi meta kienu qed isiru x-xogħolijiet tal-Enemalta, fi Triq Ġuże Flores inżebagħ double yellow line twil mill-kantuniera 'l ġew. Issa li tlestew ix-xogħolijiet dan ma baqgħalux il-bżonn li jibqa hekk. Għalhekk ġie deċiż li nitolbu lil TM sabiex jerġa' jinżebagħ kif kien.

28.9.2 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab li tinżebagħ il-give way ta' Triq l-Avukat A Calleja fejn il-Knisja. Ser nitolbu għar-refreshment tagħha.

28.9.3 Saret talba mill-Assistent Prinċipal sabiex jitħallas għall-overtime li għamel fil-ġranet meta daħal overtime mad-delegazzjoni tal-Kosovo. Il-Kunsill qabel li jitħallas.

28.9.4 Il-Kunsill irċieva notifikazzjoni minn TM illi saret talba sabiex issir 1.5m keep clear bay fi Triq ix-Xagħri quddiem residenza privata. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

28.9.5 Is-Sindku qal li saret talba biex issir road hump fi Triq Qasam San Pawl. F'dan l-istess post kellna diġà talba approvata iżda ma kienetx saret minħabba li kien hemm min oġġezzjona. Is-Sindku ssuġġerixxa li mmorru naraw fuq il-post u l-Kunsill qabel ma' dan.

## 28.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 28.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.05pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Diċembru 2025, fl-10am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |